# San Pawl il-Baħar u l-Madwar

Mario Fenech



San Pawl il-Baħar il-lum huwa ċentru kummerċjali li għandu importanza kbira ħafna f'dik li hija l-industrija tat-turiżmu. Minn lokal ta' ftit nies li kienu jgħixu fil-parti l-qadima magħrufa bl-isem tal-Vecchia u xi ftit mezzanini li kienu jintużaw mill-villeġġjanti, l-lum huwa mimli b'għadd kbir ta' lukandi, appartamenti, vilel u stabbilimenti kummerċjali.

Il-popolazzjoni tlaħħaq it-tnax-il elf ruħ u matul ix-xhur tas-sajf din titla' għal madwar sittin elf ruħ, bejn residenti, turisti u villeġġjanti.

Il-Motto tal-lokal huwa *"In Christo Renati Sumus"*, li tfisser *Fi Kristu Twelidna Mill-Ġdid.*

L-arma hija magħmula minn mewġ ta' kulur ikħal fuq sfond abjad li jissimbolizza l-baħar, b'sejf b'lifgħa mdawra miegħu simbolu ta' San Pawl.

Il-limiti ta' dan il-lokal huma mifruxa fuq medda art kbira li wieħed jista' jara sewwa minn fuq l-għolja tal-Wardija fejn hemm il-Knisja tal-Madonna ta' l-Abbandunati, mibnija mill-Balliju Fra Rajmondu Perellos, fil-ġnien tal-Vigarju Ġenerali Tolessenti. Tbierket nhar it-18 ta' April 1690 mill-Vigarju Generali Dun Antonio Manso. Fil-kwadru ewlieni tal-Knisja, li huwa xogħol ta' Stiefnu Erardi, hemm l-arma tal-Gran Mastru Perellos li kien għamel diversi opri fil-knisja biex din tkun armata b'mod xieraq. Jiddomina x-xena fuq l-għolja jidher il-kampnar bl-istatwa tal-Madonna fuqu.

Fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar niltaqgħu ma' għadd ta' postijiet ta' interess storiku. Fost dawn insibu Għajn Rażul, li skond kif tgħid it-tradizzjoni kien minnha li xorob San Pawl ftit wara li kien ħeles mill-għarqa. Din l-għajn tinsab mal-ġenb tat-Triq li minn tarf San Pawl il-Baħar twasslek lejn il-Bajja tax-Xemxija. Kitba antika fuq din l-għajn tgħid hekk : "Minn taħt dil-blata mgħawra li tilmaħ f'xatt il-baħar, tfawwar mill-art għajn irqiqa ta' l-ilma. Int li għaddej minn din it-triq, sellem lil din l-għajn bil-ħrara ta' qalbek, x'ħin tiftakar li ħariġha mill-blat Pawlu, kif ħeles mill-għarqa."

Fl-istess triq li fiha hemm Għajn Rażul tinsab il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, li kienet bdiet tinbena nhar is-16 ta' Awissu 1854. Tlestiet mill-bini nhar l-10 ta' Frar 1855 u tbierket mid-delegat tal-Kappillan tal-Parroċċa tan-Naxxar fil-15 ta' Mejju 1856.

Il-Knisja ta' San Pawl qiegħda ftit 'il fuq mill-menqa fejn kienu jinżammu l-opri tal-baħar tas-sajjieda tal-post. L-oriġini ta' din il-knisja jeħodna lura lejn l-ewwel snin tal-Kristjaneżmu. Kienet ġiet imġarrfa fi żmien l-Għarab, iżda mbagħad ġiet mibnija mill-ġdid mill-Konti Ruġġieru lejn tmiem is-seklu ħdax. Inbniet mill-ġdid mill-familja Desguanez u Bordino. Jidher li din ma tantx kienet kbira, u ħames snin wara, il-Gran Mastru Adolfo Wignacourt bena dik li hemm il-lum. Tbierket mill-Isqof Mons. Cagliares, nhar it-3 ta' Mejju 1617.

Waqt it-tieni Gwerra Dinjija l-knisja ġiet milquta bil-bombi ta' l-għadu nhar l-20 ta' Marzu 1942. Inbniet mill-ġdid fl-1950 u tbierket mill-Isqof Gonzi nhar is-7 ta' Frar



*Il-Knisja Parrokkjali armata għall-festa.*



tal-Gżejjer għall-fatt li fuqha fl-1845, kienet tqiegħdet l-istatwa tal-ġebel ta' San Pawl, maħduma mill-iskultur Sigismondu Dimech. Swiet 100 skud u ħallas għaliha Salvu Borg. Tbierket nhar il-21 ta' Settembru 1835. Fil-15 ta' Lulju 1960, fl-okkażjoni tal-Festi Ċentinarji Pawlini li kienu qegħdin isiru f'Malta kien sar pellegrinaġġ għal fuq din il-gżira li mhux soltu tara fuqha ħafna nies.

Il-Knisja Parrokkjali ddedikata lil Marija Addolorata ġiet mibnija bil-flus tal-Markiża Anna Bugeja fuq il-pjanta tal-Perit Galizia. Bdiet tinbena nhar it-8 ta' Lulju 1901 biex tkun iddedikata lil San Pawl, iżda fuq ix-xewqa tal-Markiża Bugeja, din ġiet iddedikata lil Marija Addolorata. Iċ-ċerimonja tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla saret fl-4 ta' April 1902, tlestiet fid-9 ta' April 1905 u tbierket minn Mons. Salvu Grech. F'dan l-istess jum, il-knisja saret Parrokkjali, bit-tmexxija tagħha fdata f'idejn il-Patrijiet Franġiskani Konventwali li għadhom imexxuha sal-lum. Ġiet ikkonsagrata mill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi fl-4 ta' Mejju 1963. Il-Knisja ġiet imkabbra kif inhi llum minħabba li ma setgħetx tlaħħaq mal-popolazzjoni li dejjem kienet qiegħda tiżdied. L-ewwel ġebla ta' dan il-proġett tat-tkabbir tal-knisja, tpoġġiet nhar il-11 ta' Awissu 1968 mill-Isqof Emanuel Gerada, tlestiet lejn tmiem is-sena 1978. Tbierket mill-Provinċjal tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali P. Elia Vella, fl-1 ta' April 1979 u ġiet ikkonsagrata mill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca fit-8 ta' April 1979.

1957. B'xorti tajba l-kwadri li kien għamel l-artist Leonelo Spada kkummissjonati mill-Gran Mastru Wignacourt, li juru xeni minn nawfraġju ta' San Pawl, ma ntiflux bil-gwerra. Il-kwadru tal-Madonna huwa xogħol ta' l-artist Galucci.

Mhux 'il bogħod wisq minn din il-knisja hemm wieħed mit-torrijiet li kienu bnew il-Kavallieri biex iħarsu l-kosta tal-pajjiż minn xi attakk ta' l-għadu. L-ewwel ġebla ta' dan it-torri kienet tpoġġiet mill-Gran Mastru Adolfo Wignacourt nhar l-10 ta' Frar 1610, u huwa magħruf bħala t-Torri ta' San Pawl. Wara li ġie restawrat bl-inizjattiva ta' l-għaqda 'Din l-Art Ħelwa', it-torri qiegħed ikun miftuħ għall-pubbliku.

Minn fuq dan l-istess torri wieħed jista' jara biċċa art imdaqqsa maħruġa fuq il-baħar, taħt l-għolja ta' Selmun. Tissejjaħ San Pawl

Biex dak li kien hemm qabel fil-knisja ma

jintilifx maż-żmien, dan l-aħħar mal-ġenb tal-knisja ġie miftuħ mużew parrokkjali li fih ġew imqiegħda dawk l-opri sagri li kienu jintużaw qabel. Fost dawn hemm diversi oġġetti li kienet tat lill-knisja l-istess Markiża Bugeja, l-għamara li qabel kienet tintuża fis-sagristija, fjuretti, pjaneti, settijiet ta' gandlieri, konfessjonarji, manuskritti, mużika sagra u n-niċċa l-antika ta' l-istatwa tal-Madonna li fiha ġie mqiegħed l-Anġlu li qabel kien ma' l-istatwa Titulari ta' Marija Addolorata.

Quddiem il-Knisja jinstab il-Każin tal-Banda San Pawl. Dan ġie mibni mill-ġdid wara li twaqqa' dak li kien hemm qabel. Ġie miftuħ uffiċċjalment nhar l-Erbgħa, 24 ta' Luju 2001 waqt programm mużikali li ppreżentat il-Banda San Pawl għall-okkażjoni.

Fil-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar hemm il-qasam tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. , għaqdiet Reliġjużi u Filantropiċi u gruppi oħrajn li jaħdmu għall-ġid tal-komunità.

F'dan il-lokal hemm wisq aktar postijiet ta' interess storiku u turistiku minn dawn li semmejt f'dan l-artiklu. Dak li niltaqgħu miegħu f'San Pawl il-Baħar huwa taħlita sħiħa ta' storja, kultura, tradizzjonijiet u modi ta' ħajja differenti li flimkien joħorġu l-importanza ta' dan il-lokal.

**Referenzi:**


1. Bliet u Rħula Maltin ta' Alfie Guillaumier.
2. Il-Parroċċa tad-Duluri, San Pawl il-Baħar, 1979 Tkabbir tal-Knisja.
3. Il-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl il-Baħar, 1980, Rev. Joseph Cilia OFM Conv.


**Nota Editorjali :**
Dan l-artiklu, is-Sur Mario Fenech, kien kitbu għall-*feature* televiżiv tal-programm Forċina, li xxandar mill-festa ta' San Pawl il-Baħar fis-sena 2001.


# Lonzu Garage Ltd.

*Prop. Tony Camilleri*

**Launching, Mooring and Towing of Boats**
**Boat Storage Facility**

176/8, Constitution Street, Mosta
Tel: 21 412825, 21 581534
Mob: 7958 1534, 9942 9729